**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ġunju 2019

Rikors Nru : 127/18 AL

**Avukat David Bonello ghan-nom ta'**
**A B C D**

**vs**

**Avukat Dr Yanika Camilleri u il-PL Katrina Zammit Cuomo b'digriet tad-29 ta' Mejju 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2019 Dr. Christopher Chircop ġie maħtur bħala Kuratur Deputat minflok Dr. Yanika Camilleri biex jidhru ghan-nom tal-assenti**
**E F**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat mill-attur nomine, li permezz tieghu ippremetta :

Illi r-rikorrenti huwa awtorizzat permezz ta’ prokura specjali minn A B C D Passaport Kolombjan Numru XXX, biex jintavola dawn il-proceduri, liema prokura hija annessa u immarkata Dok “DS1”;

Illi A B C D Passaport Kolombjan Numru XXX, izzewget lil E F fid-29 ta’ Frar 2012 fir-registru taz-zwiegijiet, fil-Belt Valletta kif juri car c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkata bhala Dok “DS2”;

Illi A B C D u E F kienu iltaqghu cirka sena qabel izzewgu;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-ahhar darba li raw lil xulxin u kienu fil-kumpanija ta’ xulxin kien jumejn wara d-data taz-zwieg. Wara dak in-nhar qatt ma regghu raw lil xulxin;

Wara ftit xhur ta’ kommunikazzjoni telefonika bejn il-partijiet, A B C D ma rceviet ebda informazzjoni dwar fejn jista jinsab E F. L-ahhar darba li l-partijiet ikkomunikaw b’mod telefoniku kien f’Novembru 2012;

Illi tul is-snin sal-lum ma kien hemm ebda kuntratt bejn il-partijiet;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak b’mod irrimedjabbli minhabba l-abbandun tad-dar mtrimonjali minn naha ta’ E F ai termini tal-Artiklu 41 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda assi komuni bejniethom, dan hekk kif id-dar matrimonjali kienet tikkonsisti f’dar mikrija;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda vetturi, flus jew assi ohra ta’ kwalunkwe natura bejniethom;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak b’mod irrimedjabbli minhabba l-abbadun tad-dar matrimonjali minn naha ta’ E F u l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn hames snin;

Illi tul iz-zmien l-partijiet ghexu hajjiet separati u ma hemm ebda possibiita ta’ rikonciljazzjoni;

Illi E F qatt ma talab ghal xi forma ta' manteniment u anke li kieku kien hu li abbanduna d-dar matrimonjali;

Illi r-rikorrenti intavola ittra ghall-medjazzjoni fit-22 ta' Jannar 2018, ittra numru 360/2018;

Illi permezz ta' Digriet datat 23 ta' Marzu 2018, numru 655/2018, kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok "DS3", r-rikorrenti inghata permess li jipprocedi b'dawn il-proceduri, stante li jikkonferma b'gurament l-ittra ta' medjazzjoni u li jinhatru kuraturi deputati jekk jkun hemm il-htiega;

Illi r-rikorrenti ikkonferma b'gurament l-kontenut tal-ittra ta' medjazzjoni fir-registru tal-Qorti u qieghed jintavola kontestwalment ma dawn il-proceduri rikors biex jinhatru l-kuraturi deputati;

Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghed jintavola dawn il-proceduri biex :

(1) Jigi pronunzjat s-separazzjoni personali bejn il-partijiet a bazi tal-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet a bazi tal-Artiklu 66A et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab, filwaqt li jaghmel referenza ghal dak su-cittat u waqt li jirriserva d-dritt ghall-eccezzjonijiet ulterjuri tul il-kors ta' dawn il-proceduri li l-konvenut ighid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara is-separazzjoni personali 'ad mensa et thoro' bejn il-partijiet a bazi tal-Artiklu 41 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizza lil Diana Marcela Salgado Villafradez tghix separatament mill-intimat;
2. Tiddikjara u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u di pui tiddikjara li ma hemm ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lejn Yousif Barakat;

3. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qorti tinnotifika fi zmien perjodu determinat, lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-sentenzi relattivi biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur nomine;

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat li permezz taghha espona:

1. Illi primarjament jiġi rilevat li n-numru tal-passaport tar-rikorenti kif indikat fl-okkju tar-rikors de quo ma jaqbilx man-numru tal-passaport kif indikat fil-prokura speċjali tal-istess rikorrenti tat-28 ta' Frar 2018, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promutur u mmarkata bħala Dok. DS1 u għalhekk jeħtieġ li ssir kjarifika f' dan ir-rigward;

2. Illi l-Kuratur Deputat għamel kuntatt mal-Avukat tal-Fiduċja tramite ittra legali datata t-18 t' Ottubru 2018 fejn talab lill-istess Avukat jgħaddi kwalunkwe informazzjoni li huwa għandu fir-rigward tal-persuna li l-Kuratur Deputat ġie maħtur jirrappreżenta fil-proċeduri odjerni permezz ta' Digriet tad-29 ta' Mejju 2018. Kopja ta' din l-ittra qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'YC1';

3. Illi pero’ sallum l-istess Kuratur Deputat għad m’ għandux risposta sabiex jeċepixxi eċċezzjonijiet għat-talbiet rikorrenti u barra minn hekk mhuwiex edott bil-fatti tal-każ;

4. Illi fl-eventwalita’ li l-Kuratur Deputat jirċievi risposta mingħand r-rikorrenti, ser jinforma lill-dina l-Qorti immedjatament u jekk ikun il-każ jitlob l-awtorita’ tagħha sabiex jiġu intavolati eċċezzjonijiet tal-intimat.

Daqstant għandu l-Kuratur Deputat x’ jissottometti għas-savju ġudizzju ta’ din il-Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuratur deputat ;

Rat l-affidavit tal-attriċi u l-atti kollha tal-proċediment;

Rat il-prokura speċjali li permezz tagħha l-attriċi awtorizzat lill-Avukat Dottor David Bonello sabiex jipproċedi kontra l-konvenut għan-nom tagħha.

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti tirreferi għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti talbet:

- il-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut;
- il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;
- l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut, inkluż id-dekadenza tiegħu mid-dritt illi jirċievi l-manteniment mingħand martu;
- il-pronunzja tal-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ossija d-dikjarazzjoni tad-divorzju;

Għal kull buon fini u a skans ta' kull ekwivoku, kull referenza f'din is-sentenza għall-"attriċi" u/jew ir-"rikorrenti" tfisser A B C D filwaqt illi kull referenza għall-"konvenut" u/jew l-"intimat" tfisser E F. It-terminu "il-partijiet" jirreferi għall-attriċi u l-konvenut flimkien.

Il-fatti f'din il-kawża qed jiġu kkompilati mill-unika prova miġjuba, u cioe` mid-depożizzjoni tal-attriċi. Fl-affidavit, tagħha l-attriċi xehdet:

(a) Hija ġiet Malta f'Jannar 2011, bl-iskop illi titgħallem l-Ingliż, fejn f'Mejju tal-istess sena hija bdiet relazzjoni mal-

konvenut li kien Malta bis-saħħa ta' student visa, ukoll sabiex jitgħallem l-Ingliż.

(b) F'Settembru 2011, hija rritornat f'Barċellona fejn kienet tgħix qabel ma ġiet Malta u l-partijiet komplew ir-relazzjoni bħala long distance relationship. E kien tassew inkwetat għax il-visa tiegħu kienet sejra tiskadi u huwa ma xtaqx illi jirritorna f'pajjiżu bl-inkwiet li kien hemm għaddej hemmhekk fosthom il-qtil ta' Ghaddafi.

(c) Huwa kkonvinċieha sabiex tirritorna Malta biex jiżżewġu. B'hekk huwa jkun jista' jmur magħha fi Spanja u ma jirritornax il-Libja. Effettivament huma żżewġu hawn Malta fir-Reġistru Pubbliku fid-29 ta' Frar 2012 . Hija rritornat fi Spanja wara jumejn minħabba impenji ta' xogħol u biex tagħmel l-arranġamenti sabiex il-konvenut ikun jista' jivvjaġġa lejn Spanja. Dik kienet l-aħħar darba li l-partjiet kienu flimkien fiżikament.

(d) Sussegwentement huwa baqa' f'kuntatt magħha xi ħames darbiet kuljum biex jara fiex waslu d-dokumenti li kellu bżonn. Dak kien l-uniku interess tiegħu meta jċemplilha - biex iħeġġiġha tgħaġġel il-proċess.

(e) Darba minnhom kien talabha taċċessa il-kont tal-imejl tiegħu għaliex kien qiegħed jistenna imejl importanti u hemmhekk hija ndunat illi l-konvenut kien f'relazzjoni ma' mara

Taljana li kienet qiegħed tassistih imur l-Italja sabiex jistudja. Din il-mara kienet ħallsitlu kors ta' studju  u b'hekk huwa kiseb visa ta' student għall-Italja.

(f) Meta rat dan, l-attriċi ikkonfrontat lill-konvenut li għall-ewwel ċaħad li kien f'relazzjoni ma' din it-Taljana. Iżda imbagħad huwa ammetta li dik kienet l-għażla li kien baqagħlu sabiex jevita li jmur lura il-Libja.

(g) L-attriċi kienet bagħtet imejl lis-sieħba Taljana tal-konvenut fejn spjegatilha li huma kienu żżewġu ftit tax-xhur qabel. Dina rrispondietha illi ma kinitx taf b'dan.

(h) F'dan il-punt, il-konvenut beda jċempel lill-attriċi biex jirrabja magħha u jheddidha li sejjer joqtolha jekk terġa' tkellem lit-Taljana jew lill-familja tagħha. Għal ftit xhur, din kienet ħaġa li beda jagħmel ta' kuljum. Dejjem jgħidilha li kienet irrovinatlu ħajtu u dejjem jheddidha li d-darba li jerġa' jaraha sejjer joqtolha. L-attriċi kienet fittxet l-għajnuna tal-Pulizija f'Barċellona li tawha l-parir tfittex l-għajnuna psikoloġika għaliex kienet tassew iddisturbata b'dak li kienet għaddejja minnu. Tilfet l-impjieg tagħha u waqgħet f'dipressjoni.

(i) Inoltre l-konvenut irnexxielu jisirqilha t-tfaddil tagħha u jbattlilha l-credit card.

(j) L-aħħar darba li għamel kuntatt magħha kien f'Novembru 2012. Minn dakinhar sal-lum ma sar ebda kuntatt bejniethom.

(k) Matul iż-żwieġ, il-partijiet ma kellhomx assi komuni u lanqas ulied.

(l) L-attriċi tikkonsidra ż-żwieġ tagħha mal-konvenut bħala l-ikbar żball li qatt għamlet u għalhekk inizjat dawn il-proċeduri sabiex tagħlaq dan il-kapitolu ikrah ta' ħajjitha.

PRINĊIPJI LEGALI

Mir-rikors promotur jirriżulta illi l-attriċi tiffonda l-azzjoni tagħha għas-separazzjoni minn ma' żewġha fuq l-abbandun. L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bħal din tirnexxi huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino, insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: "Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe. fejn il-Qorti sostniet illi:- "Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."

Il-firda personali mmotivata mill-abbandun ġġib magħha, skont il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai

termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 ;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL- KAŻ ODJERN

Illi m'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut mir-rikorrenti. Fil-każ odjern, il-partijiet lanqas laħqu stabbilixxew dar matrimonjali. Il-ftehim kien li l-partijiet imorru jgħixu fi Spanja, imma l-konvenut ma

felaħx jistenna li jsiru l-arranġamenti neċessarji sabiex ikun jista' jagħmel dan. Laħaq għamel ħbiberija ma' mara Taljana li rnexxielha tiksiblu Visa għall-Italja u effettivament huwa mar jgħix hemmhekk. Huwa evidenti li l-uniku interess li l-konvenut kellu fiż-żwieġ kienet il-kisba tal-permess ta' residenza f'pajjiż Ewropew. Huwa ma kienx qiegħed ifittex għaqda unika u permanenti mal-attriċi. Iż-żwieġ għalih kien  a means to an end bl-iskop aħħari tiegħu ikun ferm differenti mill-iskop naturali taż-żwieġ.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi msejsa fuq l-abbandun hija ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta.

Bħala konsegwenza, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jitlob u/jew li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Rigward it-talba l-oħra relattiva għall-aspett patrimonjali taż-żwieġ bejn il-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni tal-attriċi, illi fi żmien jumejn li l-partijiet ikkonvivew bħala koppja miżżewġa ma laħqu akkwistaw ebda assi komuni, hija waħda verosimili. Bla dubju, hemm lok tat-terminazzjoni u x-xoljiment

tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju, iżda m'hemm l-ebda diviżjoni ta' assi xi ssir.

Dwar it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, biex tintlaqa' din it-talba il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.

M'huwiex kontradett illi l-attriċi telqet minn Malta fi Frar 2012 u ftit tax-xhur wara, ir-relazzjoni tal-partijiet iddiġenerat għal waħda ta' abbuż verbali mill-konvenut fil-konfront tal-attriċi, sakemm f'Novembru 2011 inqatgħet kull komunikazzjoni bejn il-partijiet. Preżentement l-attriċi m'għandhiex idea ta' x'seta' sar mill-konvenut jew f'liema pajjiż jabita. Kif intqal, m'hemmx lok ta' manteniment bejn il-partijiet u dana billi l-attriċi hija finanzjarjament indipendenti mill-konvenut, u l-konvenut tilef kull jedd ta' manteniment mill-attriċi. Lanqas m'hemm prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tal-partijiet għaliex evidentement l-iskop tal-konvenut miż-żwieġ kien biex jikseb

Visa sabiex jevita li jirritorna lejn il-Libja, skop li rrenda ż-żwieġ mal-konvenut, l-agħar deċiżjoni fil-ħajja tal-attriċi. F'dan l-istadju, l-attriċi mhux talli ma tixtieq ebda rikonċiljazzjoni mal-konvenut, li fi kwalunkwe każ huwa assenti, talli hija tixtieq taqta' kull legami miegħu.

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju. Jirriżulta illi meta l-attriċi ressqet it-talba għad-divorzju, il-partijiet kien ilhom de facto separati għal iktar minn sitt (6) snin. M'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom u m'hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment.

DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtijiet unikament imputabbli lill-konvenut u konsegwentement tawtorizza lill-attriċi sabiex tgħix separatament minn żewġha;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u

a. tapplika kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta fosthom li l-

konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob u/jew li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi;

b. tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

[3] Tilqa' t-tielet talba attriċi u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ, ossija d-divorzju, bejn il-partijiet; Konsegwentement tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat, b'dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.